# PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

6 ta' Ottubru 2024

## Il-festa tal-bidu tal-Ministeru Pastorali tal-Arċipriet

X'ħalliet fina l-festa tat-28 ta' Settembru 2024? F'qalbi għandi sentiment ta' radd ta' ħajr kbir lil Alla u ta' apprezzament speċjali lejkom il-parruċċani li għadkom qed tiġu tfittxuni biex tawgurawli u twegħduni t-talb u l-għajnuna tagħkom. Għalija kien tassew inkoraġġanti nara l-preżenza numeruża tagħkom għall-quddiesa, lis-saċerdoti kollha tagħna speċjalment lil Dun Jimmy li ħallieli parroċċa tassew sabiħa u s-sehem ġeneruż tal-għaqdiet kollha ta' raħalna li tlabthom jingħaqdu flimkien għal dan il-mument ta' festa fil-parroċċa tagħna. Anki l-patruni tagħna Pietru u Pawlu ħassejniehom tassew viċin tagħna, hekk li l-istatwa devota tagħhom reġgħet sabet postha f'nofs il-knisja tagħna.
Fil-knisja s-sbuħija taċ-ċelebrazzjoni kienet bħal "ġenna tal-art" bħalma qaluli żewġ parruċċani. U dan kien kollu grazzi għall-mużiċisti u l-kant tal-innijiet mill-korijiet kollha tal-parroċċa tagħna, taż-żgħar, iż-żgħażagħ u l-adulti; l-arranġamenti mill-isbaħ tal-ward mill-fjoristi tagħna; l-armar tal-knisja li ħadu ħsieb is-sagristani; l-ordni u t-tmexxija tal-ushers; dawk li ħadu ħsieb is-sistemi tad-dawl u s-sound, il-live streaming u r-Radju; dawk li mexxew l-animazzjoni tal-liturġija; l-abbatini u s-saċerdoti kollha li ngħaqdu mal-kleru tal-parroċċa tagħna. Il-Qari tal-Kelma t'Alla tas-26 Ħadd ta' matul is-sena, kien providenzjalment adatt għall-okkażjoni tagħna u l-Isqof fl-omelija għenna tassew nifhmuh u napplikawh għall-ħajja tagħna bejnietna bħala nsara parruċċani tan-Nadur.
Wara l-quddiesa, inħolqot festa tassew mill-isbaħ fuq barra ħdejn il-Bażilika, grazzi għall-Kunsill Lokali tan-Nadur, il-Banda Mnarja, il-Kunsill Parrokkjali, u l-Kumitat Festi Esterni li ħa ħsieb jinvolvi l-Għaqdiet kollha tal-Armar; il-Grupp tal-Ġimgħa l-Kbira, il-Kumitat tan-Nar, il-grupp ta' Żgħażagħ Mnarja, il-grupp tal-animaturi żgħażagħ taċ-Ċentru Parrokkjali u diversi voluntiera oħra. Jalla din l-għaqda nkomplu nsaħħuha billi nħarsu lejn il-patruni tagħna Pietru u Pawlu u lejn Ġesù Kristu li għaqqadhom flimkien u ħelishom milli jkomplu jaħdmu għal rashom u mingħandhom nitgħallmu naċċettaw u nieħdu paċenzja b'xulxin kif aħna, inħobbu t-tajjeb li kapaċi nagħmlu, u naħfru l-iżbalji ta' xulxin. Hekk biss, aktar ma' nafdaw fl-Ispirtu ta' Alla, nistgħu nkomplu nikbru bħala komunità ta' veru li tirnexxi f'kulma tagħmel.





**AVVIŻI:**

**Rużarju fil-beraħ** nhar il-Ġimgħa 11 t'Ottubru fil-Belvedere ta' Triq Cocco Palmieri. Jibda fil-5.30pm.

Nhar it-Tlieta 8 t'Ottubru, fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani, in-Nadur, **ser tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Franġisk t'Assisi**. Il-programm ser ikun hekk: Rużarju fl-4.30pm u fil-5.00pm Quddiesa. Ċelebrant: Patri Etienne Gilson OFM. Conv. Wara jkollna riċeviment. Ejjew u ġibu oħrajn magħkom. Kulħadd hu mistieden.

L-Għaqda Dun Franġisk Grima tavża li nhar il-Ħamis 10 t'Ottubru **se ssir żjara St Joseph Home f'Għajnsielem**. Tluq fid-9.30am minn ħdejn iċ-Ċentru.
Tavża wkoll li l-Ħamis 24 t'Ottubru se torganizza ħarġa f'Malta fejn **se ssir żjara l-Mużew Marittimu tal-Birgu**. Tluq fit-8.00am. F'każ ta' maltemp niltaqgħu fid-9.30am u mmorru Ta' Pinu. Ċemplu lil Tonina fuq 21553041/79923153 jew lil Ġuża Sammut fuq 21552326/99228906.

L-Institute for Pastoral Ministry (IPM) ser joffri kors **dwar il-Liturġija** li huwa indirizzat għal dawk kollha li jieħdu sehem attiv, jew jixtiequ jibdew jieħdu sehem, fil-Liturġija, bħala letturi, animaturi, ministri straordinarji tat-tqarbin, ostjarji, kanturi, mużiċisti, sagristana, ushers, daqqaqa tal-qniepen, eċċ. Il-kors ser jibda fl-14 t'Ottubru 2024 u jispiċċa fit-2 ta' Diċembru 2024. Ser isir kull nhar ta' Tnejn: l-ewwel żewġ lezzjonijiet ikunu mill-5:00pm sat-8:00pm u l-lezzjonijiet l-oħrajn ikunu mill-5:00pm sas-7:00pm.
Tistgħu tapplikaw online (www.ipm.edu.mt), jew fil-Kurja tal-Isqof fir-Rabat Għawdex, sal-Erbgħa 9 t'Ottubru 2024. Il-kors se jsir minn Dun Nazju Borg, fiċ-Ċentru tar-Ragħaj it-Tajjeb taċ-Ċawla, fir-Rabat Għawdex. Il-ħlas tal-kors huwa ta' €80.

Last weekend, the Diocese of Gozo launched a new pastoral year. In this light, the Ethnic Communities' Coordination & Support Office would like to inform you that **the Catholic Action / Bible Study Group for the English-speaking residents in Gozo will resume on Tuesday 08th October 2024, from 4:00pm to 5:00pm at Santa Lucija Church in Gozo**. This group will meet more or less every fortnight.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 4.30pm; 6.30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am